MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 32

28 ta' Diċembru 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 32 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo talab sabiex il-minuti jiġu emendati kif jidher hawn taħt il-minuti tas-seduta preċedenti li jidhru hawn taħt:

Minuta 2.7.2. (Ref: E/3/1/8)

*"2.7.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti. Huwa qal li għal-lezzjonijiet ta' din is-sena mhux ser ikun possibbli li tintuża s-sala tas-Solana Hotel mingħajr ħlas u għalhekk ser isir użu mis-Sala tal-Iskola fejn ikun hemm l-ispejjeż tal-caretaker u l-manager. Il-ħlas ta' persuna waħedha u ta' koppja ġew iffissati €102 u €147, rispettivament. Għaldaqstant, is-Sur C. Bartolo ppropona li kull koppja jew persuna waħedha tiġi sussidjata €20 sabiex il-qabża fil-prezz ma tkunx waħda għolja u b'hekk ikun ingħata sussidju li jammonta għal total ta' €280.".*

Minuta 6.3. (054-11-09)

"6.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-pagament Nru. 054-11-09 mitlub minn 13 Distributions Ltd għat-tqassim tal-35 ħarġa tal-magazin "Mill-Qiegħa" f'Ottubru 2009. Huwa fakkar li kien hemm ilmenti minn diversi residenti li lmentaw li l-magazin ma' tqassamx b'mod konsistenti f'diversi toroq. Is-Sindku aċċenna li korrispondenza dwar dan diġa ntbagħtet lil 13 Distributions Ltd.".

Minuta 10.4. (P/4/23/Vol II)

"10.4. Il-Kunsillieri C. Bartolo u P. Cutajar ġibdu l-attenzjoni għall-*Bills* C u D li jirrigwardaw ix-xogħol tal-bini u l-konkos, rispettivament. Huma qalu li dawn huma l-*items* ewlenin fil-proġett fejn l-ispiża kkwotata minn Ivan Cutajar hija sostanzjalment inqas minn dik ta' North 2 South Ltd. Huwa spjega li fil-każ ta' *Bill* C, id-differenza bejniethom hija 12.85%, filwaqt li f'*Bill* D, id-differenza hija ta' 7.99%.

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 31 li saret fit-30 ta' Novembru 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Inizjattiva promozzjonali għall-Mellieħa (T/12/2)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*brochure* promozzjonali dwar il-Mellieħa ser jiġi mniedi f'Nicosia jew Larnaca f'Ċipru lejn l-aħħar ġimgħa ta' Jannar 2010.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti dwar l-użu tal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sur R. Cutajar qal li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tas-Sajd sabiex jerġa jinġieb l-arloġġ tal-elettriku fil-Kamra tas-Sajjieda. Filwaqt li kuntatti għaddejjin ukoll mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali biex il-provista titħallas mill-Gvern, jidher ukoll li s-sajjieda lesti li jħallsu għas-servizz huma stess.

2.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.3.1. Tisbiħ u arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Qasam Barrani (K/6/4/1)

2.3.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li l-bankina ta' Triq Qasam Barrani mal-ġenb tal-iskola tiġi pariġġ dik li hemm ma' Ġnien il-Qigħan u d-Dar il-Madonna tal-Mellieħa, li għandha wiċċ bil-*printed concrete*. Huwa qal li jeħtieġ li din tinħareġ 'il barra biex tinġieb f'linja waħda mal-parti t'isfel. Il-bankina li hemm fil-parkeġġ ta' quddiem l-iskola (bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida) għandha ssir bl-istess mod.

2.3.3. Ġie ssuġġerit ukoll li għandha tittieħed din l-opportunita` sabiex tiġi rranġata d-daħla tal-iskola min-naħa ta' Triq Qasam Barrani. Dan billi d-daħla tiġi spustjata għal quddiem il-garaxx billi ssir pjattaforma sa quddiem it-taraġ tas-sala u rampa għall-garaxx. Fejn hemm mil-bieb li jagħti għas-sular t'isfel tal-iskola, tista' ssir rampa oħra b'taraġ ma' ġenbha. L-ilma tax-xita li jinġabar jista' jinħareġ b'katusa li tgħaddi mill-ġnien u tiżbokka fi Triq Qasam Barrani. Minn kuntatti li saru mal-Kap tal-Iskola, jidher li l-Fundazzjoni għall-Iskejjel t'Għada ser tipprovdi l-puġġaman fit-taraġ tas-sala.

2.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li s-*centre-strip* fi Triq Qasam Barrani ġiet perikoluża għat-traffiku li jkun dieħel minn Triq Lewis Wettinger, peress li ma tidhirx. Huwa talab ukoll sabiex jara l-pjanta approvata mit-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku. Is-Sindku wieġeb li l-pjanti approvati mit-Taqsima msemmija qegħdin fil-korrispondenza tal-Kunsill, filwaqt li l-punt imqajjem mis-Sur Buttigieg kienet diġa ttieħdet in konsiderazzjoni.

### 2.4.1. Jum il-Kunsill 2010 u żjara uffiċjali mill-President ta' Malta (A/5/3/1/Vol XI)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1., kif ukoll għal *e-mail* datat 12 ta' Diċembru 2009 mibgħut mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta fejn ingħad li l-Eċċ Tiegħu George Abela xtaq li jattendi għas-serata ta' Jum il-Kunsill fis-26 ta' Frar 2010, iżda kienet għad ma ngħatatx konferma.

2.4.3. Billi l-President diġa għandu żjara pprogrammata fix-xahar ta' Frar, ġie ssuġġerit li ż-żjara uffiċjali ssir iktar tard fl-2010, għar-raġuni li l-President jagħmel żjara bħal din darba fix-xahar. Peress li sa Ġunju diġa huwa okkupat, ġie propost li ż-żjara ssir f'Ottubru 2010, wara li jkun għadda s-sajf.

2.4.4. Il-Kunsill innota l-korrispondenza u ddeċieda li għandha tiġi kkonfermata l-istedina sabiex is-serata ta' Jum il-Kunsill tkun taħt il-patroċinju tal-President.

2.4.5. Is-Sur R. Cutajar ressaq abbozz tal-programm mifrux fuq tliet ijiem fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill kif jidher hawn taħt:

| Il-Ġimgħa 26 ta` Frar 2010 | |
|---|---|
| 9.30pm | - Żjara fl-Iskola Primarja Mellieħa |
| Ċerimonja tal-Għoti tal-Onorefiċenzi | |
| 7.30 pm - | - Introduzzjoni |
| 7.40 pm | - *Musical* |
| 8.45 pm | - Għoti tal-Onorefiċenzi |
| 9.15 pm | - Tnedija tat-tieni ħarġa Ħannieqa Kotba Melleħin |
| 9.30 pm | - Diskorsi |
| 9.50 pm | - Tmiem tal-Attivita' |
| Is-Sibt 27 ta` Frar | |
| 9.00 am | - Żjara tal-Kunsilliera lit-tfal tan-*Nursery* kif ukoll f`Dar il-Madonna tal-Mellieħa |
| 1.00 pm | - *Tournament* tal-futbol bejn Sliema - Mellieħa - Valletta - Floriana |
| 7.00 pm | - Finali *Snooker / Pool* (jekk ikun possibbli) |
| Il-Hadd 28 ta` Frar | |
| 9.00 am | - Quddiesa flimkien mal-Għaqdiet fil-Knisja Parrokjali |
| 10.00 am | - Tqegħid tal-Ewwel ġebla fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ |

2.4.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li kemm-il darba ssir Quddiesa għal din l-okkażjoni għandha tkun fil-Manikata. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Quddiesa għandha ssir fil-Mellieħa, filwaqt li l-Kappillan tal-Manikata – Dun Reggie Magri – jiġi mistieden jikkonċelebra mal-Kappillan tal-Mellieħa – Dun Karm Mercieca.

### 2.5.1. Premju moghti mill-Kumitat Olimpiku Malti ghall-Kontribut lill-Isports (N/1/Vol II)

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-fatt li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa reġa għat-tieni sena konsekuttiva rebaħ il-premju għall-kontribut li ta għall-isport fuq bażi lokali. Il-premju ġie ppreżentat fis-6 ta' Diċembru 2009.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 26/11/09 – 23/12/09
- *Purchase Request Form* – 28/12/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 18/11/09 – 23/12/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tinda fuq il-moll tal-Għadira (P/5/8/G)

4.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni lill-MEPA – PA 4690/09 – minn Kevin Sam sabiex jarma tinda temporanja bil-għan li jikri sea scooters fuq in-naħa tal-baħar quddiem il-lukanda Seabank.

4.1.3. Il-Kunsill oġġezzjoni li għal din it-talba fid-dawl tal-*policy* dwar strutturi ġodda fil-bajjiet, kif ukoll minħabba li l-istess tinda tostakola l-passaġġ pedonali, li fil-parti in kwistjoni huwa diġa dejjaq.

**4.2.1. Sparaturi fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2010 u tindif fl-Aħrax (S/6/Vol III)(T/6/1/Vol II)**

4.2.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti sabiex il-Kunsill jipprovdi sitt *skips* bil-għan li l-membri tal-istess għaqda jkunu jistgħu jnaddfu l-imsaġar tal-Aħrax bejn Jannar u Marzu 2010.

4.2.3. Fl-istess ittra saret talba oħra sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trofej għall-isparatura li ser tiġi organizzata fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li jipprovdi l-i*skips*, filwaqt li ddeċieda wkoll li l-isparatura fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill għandha ssir nhar il-Ħadd 28 ta' Frar 2010.

**4.3.1. Proġett tal-Youth in Action Programme ta' U.E. (K/1/5/2/Vol III)**

4.3.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datata 3 ta' Diċembru 2009, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill intalab jinnomina żgħażagħ bejn 18 u 25 sena sabiex jieħdu sehem fil-proġett li jinvolvi lokalita` fin-naħa t'isfel ta' Spanja. Żgħażagħ minn Malta se jkollom jagħmlu xogħol min qabel, permezz tal-*facebook* li jinkludi *SWOT analysis* dwar il-lokalita` taghhom. Il-parteċipanti jkollom kollox imħallas, iżda jkunu jridu jhallsu 30% tal-ispejjez tal-ivvjaġġar bejn Malta u Seville.

4.3.3. Is-Sindku ppropona l-persuni segwenti:

- Glenn Borg (ID: 118888M);
- Jamie Borg (ID: 586491M);
- Carla Inguanez (ID: 500388M).

4.3.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

**4.4.1. Proġett Park tal-Familja u Afforestazzjoni f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)**

4.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li fid-9 ta' Diċembru 2009 saret laqgħa mas-Sur Oliver Lautier mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali bil-għan li jiġi stabbilit kif tista' ssir koperazzjoni bejn l-istess Ministeru u l-Kunsill fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

4.4.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

**4.5.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol IV)**

4.5.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-kompetizzjoni msemmija ġiet fi tmiemha fil-21 ta' Diċembru 2009. Is-Sindku għarraf li l-preżentazzjoni tat-trofej saret mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

**4.6.1. Milied Mellieħi 2009 (A/5/3/6/Vol II)**

4.6.2. Saret referenza għal minuta 8.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku aċċenna li l-għaqdiet illi kienu nvoluti fil-bejgħ tal-ikel taħt it-tinda waqt Milied Mellieħi 2009 bejn id-19 u l-24 ta' Diċembru taw bejniethom is-somma ta' €5,135, wara li nqatgħu l-ispejjeż li kellhom. Dawn ġew preżentati waqt il-programm "L-Istrina" li ġie trasmess fuq it-televiżjoni fis-26 ta' Diċembru fil-preżenza ta' diversi kunsillieri u rappreżentanti mill-għaqdiet parteċipanti.

4.6.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li fl-edizzjoni illi jmiss għandu jkun hemm l-opportunita` li l-pubbliku in ġenerali jagħmel l-għotjiet tiegħu waqt li jattendi l-attivitajiet li saru taħt it-tinda.

4.6.4. Is-Sindku qal li ser issir *post mortem* tal-attivitajiet kollha li saru f'Milied Mellieħi 2009 fil-futur qarib.

**4.7.1. Tiżjin tal-Milied fit-toroq ewlenin u fi Triq il-Parroċċa (T/4/15)**

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 26 ta' Diċembru 2009, mibgħuta minn Alex Cutajar, l-operatur ta' All Friends Square Bar, sabiex jarma tinda biex taħtha jqiegħed imwejjed u siġġijiet, quddiem l-istess bar fil-lejl bejn il-31 ta' Diċembru 2009 u l-1 ta' Jannar 2010.

4.7.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ma tindaqx mużika b'volum għoli.

### 4.8.1. Kunċert b'risq il-Fond Puttinu Cares (S/6/Vol IV)

4.8.2. Inqarat ittra datata 28 ta' Diċembru 2009, mibgħuta mis-Sur Philip Vella, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' kunċert imtellgħa mill-kantanta Claudia Faniello fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa fil-5 ta' Frar 2010.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja din l-attivita`.

### 4.9.1. Żjara fil-Mellieħa minn Gordon Cowans (S/6/Vol IV)

4.9.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 28 ta' Diċembru 2009, mibgħut mill-Aston Villa Supporters' Club illi ser jospitaw l-ex-plajer tal-futbol Ingliż Gordon Cowans, li kien jilgħab mat-tim ta' Aston Villa u Bari. Fil-preżent huwa responsabbli mill-Aston Villa's Youth Accademy. Il-klabb appella għall-appoġġ tal-Kunsill għal din l-inizjattiva. Is-Sur R. Cutajar ippropona li meta Cowans ikun fil-Mellieħa, kmieni fl-2010, il-Kunsill Lokali għandu jistiednu jżur il-Mellieħa Football Nursery..

4.9.3. Il-Kunsill laqa' dan l-appell tas-Supporters Club, kif ukoll il-proposta tas-Sindku.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 28 ta' Diċembru 2009.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-26 u l-23 ta' Diċembru 2009.

6.3. Tressqet wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri l-perjodu bejn it-18 ta' Novembru u t-23 ta' Diċembru 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati.

### 7.1. Devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad – *Guardianship Agreement*. (A/6/7/Vol II)

7.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikun hemm interventi mis-Sinjuri John Stroud u Jonathan Muscat mill -Historical and Military Society sabiex jgħarrfu lill-Kunsill dwar inizjattivi li diġa ttieħdu kif ukoll jitkellmu fuq il-pjanijiet tagħhom dwar it-Torri l-Abjad.

7.3. Ġie spjegat li s-soċjeta` diġa għamlet xi tindif fit-torri kif ukoll għalqet bil-briks it-twieqi li għandu fil-baxx, peress li kienu qed isiru attentati biex jinsterqu l-affarijiet li hemm tajbin fil-bini. Biex dawn l-abbużi jitrażżnu jeħtieġ li ssir xatba fil-bidu tat-triq li twassal għat-torri sabiex jingħalaq l-aċċess bil-vetturi. Intqal ukoll li s-soċjeta` qabbdet il-Perit Nicky Bianchi, li għandu esperjenza fuq ix-xogħol tar-restawr billi ħadem mas-Soċjeta` Din l-Art Ħelwa fuq diversi proġetti. Il-Perit Bianchi diġa għamel rapport dwar l-istat tal-bini u kopja tiegħu kienet ġiet mgħoddija lill-Kunsill, sabiex għab-bażi tiegħu saret t-talba għad-devoluzzjoni tat-torri. Fuq il-parir tal-Perit Bianchi ġie stabbilit li l-aktar xogħol urġenti huwa t-tikħil tal-fili fil-ħitan ta' barra, trattament tat-travi tal-ħadid li qed jikkawżaw xquq fil-ħitan, kif ukoll id-dħul tal-ilma tax-xita mis-soqfa. Huwa stmat li t-tikħil tal-fili bil-*hydrolic lime* jiġi jiswa €2,650. Il-garaxx li żdied mat-torri fi snin riċenti jeħtieġ li jitneħħa, fil-waqt li kmamar oħra li nbnew fl-epoka kolonjali ta' żmien l-Ingliżi jistgħu jitħallew minħabba ż-żmien li għandhom.

7.4. Billi l-interventi li jeħtieġ jsiru jirrikjedu l-permess tal-MEPA, is-soċjeta` talbet li f'Jannar 2010 issir żjara fuq il-post ma' uffiċjali tal-istess Awtorita` bil-għan li l-ipproċessar tal-applikazzjoni, li jrid jissottometti l-Kunsill, ikun jista' jibqa' għaddej bla xkiel. Id-data ta' din iż-żjara tiġi notifikata lill-Kunsill meta jingħata l-appuntament.

7.5. Is-Sur Stroud spjega li l-pjanijiet tas-soċjeta` huma mqassma fuq żewġ fażijiet, bl-ewwel waħda tinvolvi l-manutenzjoni tat-torri minn barra u minn ġewwa, inkluż ir-ridott li hemm madwaru. Huwa stmat li din tiġi konkluża fi żmien sitt xhur u b'hekk il-post jinġieb aċċessibbli għall-pubbliku u mingħajr periklu. L-intenzjoni tas-soċjeta` huwa li t-Torri isir ċentru fejn l-istorja tingħata l-ħajja fuq l-istess linji ta' dak li sar mill-Fundazzjoni Wirt Artna fil-Fortizza tar-Rinella. It-torri huwa addattat biex isiru *workshops* għat-tfal u għall-adulti, kif ukoll ikun hemm dormitorju f'każ li l-attivitajiet li jiġu organizzati jkunu ta' iktar minn jum wieħed. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm kċina li tiffunzjona u illi tkun tirrifletti dik li kien

hemm fl-epoka tal-Ordni ta' San Ġwann. Promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet mistennija li tingħata permezz tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u Heritage Malta.

7.6. It-tieni fażi tkun tinkludi l-*landscaping* u t-tisbiħ fl-area tal-madwar bit-tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ, tħawwil ta' siġar u żbir ta' dawk eżistenti. Huwa maħsub ukoll li jergħu jitqiegħdu l-kanuni li kien hemm qabel, illi wieħed minnhom x'aktar huwa mardum taħt it-terrapien fuq il-post.

7.7. Bħala finanzjament, is-Sur Stroud għarraf li diġa għaddejjin kuntatti ma' kumpaniji kummerċjali bħalma huma Bank of Valletta plc u Deloitte. Qed tiġi mistħarrġa l-possibilta` li l-Aurora Foundation tintalab tgħin f'dan il-proġett. Intqal li hija organizzazzjoni bbażata fl-Istati Uniti u tippromwovi proġetti ta' restawr. Intqal ukoll li għalkemm għadu ma ġie ffirmat ebda ftehim dwar it-tmexxija tat-torri bejn il-Kunsill u l-soċjeta`, f'dan l-istadju jeħtieġ li l-istess Kunsill joħroġ ittra fejn jgħid x'inhuma l-intenzjonijiet dwar it-torri *vis-à-vis* il-Historical and Military Society. Inbeda l-proċess sabiex is-soċjetà tiġi reġistrata bħala NGO biex issir entità legali.

7.8. Is-Sindku R. Cutajar ikkummenta li minħabba illi s-soċjeta` qed tikkommetti ruħha għal proġett li jinvolvi diversi snin biex jiġi mplimentat, huwa jara li l-ftehim jeħtieġ ikun ta' iktar minn tliet snin, kif sar fil-każ tax-Xelters tat-Tieni Gwerra u l-Batterija ta' Westreme. Huwa għarraf ukoll li l-Kunsill issieħeb ma' *leader partner* Taljan – Movimento Associazone Ambjentali Movimento Azzurro – biex saru erba' applikazzjonijiet bit-tema: (a) *International OASIS of Author*; (b) *International Technological OASIS for the Knowledge of Buildings by the Value Analysis*; (c) *International OASIS Contemporary Sculptors*; u (d) *International OASIS Pre-Existing Cultural and Environmental*. Kemm-il darba dan il-proġett jiġi approvat, il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn somma sostanzjali għal kull proġett fl-erba' oqsma msemmija.

7.9. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li s-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali għaddiet abbozz tal-*Guardianship Deed* li jeħtieġ jiġi ffirmat bejn l-istess Sovrintendenza u l-Kunsill. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jergħa jidher fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 8.1. Skemi dwar il-ġbir ta' skart tal-ippakkeġġjar u skart reċiklabbli ieħor. (K/6/2/Vol V)(K/6/10/Vol III)

8.2. Is-Segretarju spjega li biex il-Kunsill jibbenefika mit-tnaqqis fil-ħlasijiet tat-*tipping fees* li jitħallsu lill-Wasteserv Malta Ltd, jeħtieġ li jidħol fi ftehim ma' Green MT jew ma' Green Dot Malta Ltd bil-għan li wieħed minnhom ikun jista' jipprovdi t-tbattil tal-*bins* u jiġbor l-iskart reċiklabbli nhar ta' Ħamis.

8.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll illi fis-17 ta' Diċembru 2009 saret laqgħa ma' żewġ rappreżentanti ta' Green Dot Malta Ltd – Daniel Tabone u Carine Mutch - fejn ġie spjegat li kemm-il darba jiġi ffirmat ftehim magħhom, dan ikun jipprovdi għal:

- Tqassim regolari ta' boroż mingħajr ħlas li jservu għal tliet xhur;
- Issir kampanja edukattiva permezz ta' kuntatti diretti mar-residenti;
- Il-ġbir tal-iskart reċiklabbli li jsir kull nhar ta' Ħamis jitkompla jsir billi Green Dot tidħol f'arranġament mal-kuntrattur tal-kunsill li jiġbor l-iskart domestiku;
- Il-*bring-in sites* jitbattlu direttament mill-kuntrattur ta' Green Dot;
- il-Kunsill jingħata aċċess kontinwu għad-*data* li tinġabar billi l-vetturi użati huma mgħammra bil-miżien;
- Lesti jipprovdu *bring-in site* għal kull 200 dar;
- Lesti ipprovdu *bring-in sites* għal użu komunali bħal blokki ta' appartamenti;
- Lesti jipprovdu *bring-in sites* fl-iskejjel, bars u ristoranti; u
- Jnaddfu madwar il-*bring-in sites* mingħajr ħlas.

8.4. F'dan l-istadju ġiet sospiża s-seduta sabiex tingħata spjegazzjoni ta' servizz simili li tipprovdi Green MT. Is-Sur Joseph Attard – Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd – kien preżenti.

8.5. Is-Sur Attard beda biex qal li Green MT hija kumpanija sussidjarja tal-General Retailers and Traders Union u hija liċenżjata mill-Gvern biex tiġbor skart tal-ippakkeġġjar u oġetti eletroniċi. Huwa qal li attwalment qed jinġabru 3.1 tunnellati ta' skart tal-ippakkeġġjar u l-mira ta' Green MT hija 7.3 tunnellati fil-ġimgħa. Biex jintlaħaq dan il-għan huma qed jipproponu li:

Bring-In Sites

- Billi l-Wasteserv qed toffri li tgħaddi rresponsabilta' tal-*Bring-In Sites* lill-Kunsill Lokali ndividwali, Green MT lesta tiġbor il-materjal minn dawn is-siti jekk dawn jgħaddu għand il-Kunsill b'kiri.
- F'każ li l-Kunsill ma jiffirmax dan il-ftehim ma' Wasteserv, Green MT lesta li tipprovdi il-*Waste Recycling Bins* tagħha b'erba' kontenituri ta' 1100 litru-il wieħed;
- Jipprovdu sa massimu ta' 20 *bring-in site* flimkien mar-responsabiltali jitbattlu minn tal-inqas tliet darbiet fil-ġimgħa u jneħħu l-iskart li jitħalla abbużivament qribhom;
- F'każ ta' abbużi persisteni, jiġi kkunsidrat l-installazzjoni ta' *CCTV cameras*;
- Green MT tkopri il-*bring-in sites* li topera b'polza ta' assikurazzjoni kontra ħruq jew serq;
- Il-kontenituri jibqgħu proprjeta' ta' Green MT, filwaqt li l-Kunsill ikun obbligat li jagħmel rapport lill-Pulizija f'każ ta' vandaliżmu fuqhom, għall-fini ta' assikurazzjoni;

Gbir ta' Skart Reċiklabbli

- Green MT tgħaddi s-somma ta' €400 lill-kuntrattur tal-Kunsill għal kull ġabra tal-iskart reċiklabbli li bħalissa qed isir nhar ta' Ħamis. Dan sakemm l-istess kuntrattur ikun qed jopera skond l-Avviż Legali 106 tal-2007;
- Il-Kunsill jingħata €30 għal kull ġimgħa bħala rikonoxximent ta' xogħol amministrattiv b'rabta mal-ġbir tal-iskart reċiklabbli;
- F'dawk il-ġimgħat li fihom jinqabeż il-piż attwali ta' 3.1 tunnellati, il-Kunsill jingħata s-somma ta' €15 għal kull tunnellata ta' skart reċiklabbli li jinġabar. Minflok dan, Green MT lesta tqassam 174,000 borza fis-sena fil-lokalita', fejn dar b'persuna waħda tingħata borza kull ħmistax; b'żewġ/tliet persuni borża fil-ġimgħa; u b'erba' jew iktar jingħataw żewġ boroż fil-ġimgħa;
- Ikun hemm kampanja edukattiva permezz ta' Eco Councillors, illi jkunu disposti li jżuru lir-residenti fi djarhom jew organizzazzjonijiet ibbażati fil-Mellieħa;
- B'konsultazzjoni mal-Kunsill, jitpoġġew *bins* tal-i*stainless steel* fil-ġonna u fil-bajjiet, li permezz tagħhom ikun jista' jiġi separat l-iskart.

Ġbir ta' Skart Elettroniku

- Green MT toffri 50% tal-ispiża li ssir fuq l-iskart goff tat-tip elettroniku (inkluż *white goods*), fejn il-ġabra ssir mill-kuntrattur attwali tal-Kunsill;

8.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar jekk Green MT tipprovdix għall-ġbir tal-plastik użat mill-bdiewa. Is-Sur J. Attard wieġeb li dan ikun ikkontaminat mill-ħamrija u ma jkunx jista' jiġi reċiklat. Għal din ir-raġuni jkun irid jintrema fil-*landfill*.

8.7. Fit-tkomplija tas-seduta, il-Kunsill kien tal-fehma li fid-dawl tat-tagħrif li nġabar, dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 9.1. Kiri ta' *waste recyling bins* fil-*bring-in sites* (K/6/10/Vol II)

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-10 ta' Diċembru 2009 saru rappreżentazzjonijiet mill-Wasteserve Malta Ltd fejn qed jipproponu li l-Kunsill jidħol fi ftehim magħhom, li permezz tiegħu jinkrew il-kontenituri li attwalment jinsabu fil-*bring-in sites*. Dan ikun għall-perjodu ta' ħames snin. Fil-lokalita' jeżistu 9 *bring-in sites* illi waħda minnhom hija doppja, li jissarfu f'40 kontenitur illi l-kirja tagħhom tammonta għal €4,000. Wara ħames snin il-*bins*

isiru proprjeta' tal-Kunsill. Sar aċċenn ukoll li attwalment il-Kunsill qed iħallas €3,492 fil-każ tal-*bring-in site* li hemm qrib ir-*roundabout* ta' Selmun.

9.3. Ġie spjegat li hekk kif dan jiġi ffirmat, il-Wasteserv tagħti tnaqqis fir-rata għal kull tunnellata ta' skart li tinġabar mill-Mellieħa u tidħol fil-faċilitajiet tagħhom. Dan japplikaw wkoll għall-iskart reċiklabbli li jinġabar nhar ta' Ħamis. Dawn ir-*rebates* japplikaw, kemm-il darba l-Kunsill ikun qed jottjeni s-servizzi ta' kuntrattur li jkun qed jipparteċipa f'xi *compliance scheme*, ipprovduta minn Green Dot Malta Ltd jew Green MT.

9.4. Il-ftehim mal-Wasteserv jipprovdi li:

- Il-waste *recycling bins* jinkrew lill-Kunsill għal perjodu ta' ħames snin bil-€100 kull waħda fis-sena; u
- Il-Wasteserv tkun obbligata li tottjeni polza ta' assikurazzjoni fuq il-waste *recycling bins*, kontra ħsarat, serq u tibdilhom kemm-il darba jkun hemm il-ħtieġa.

9.5. Il-Kunsill iddeċieda li l-kuntatti dwar il-ftehim mal-Wasteserv għandhom jsiru hekk kif jiġi finalizzat il-ftehim ma' Green Dot Malta Ltd jew Green MT Ltd.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2009 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju ressaq ir-rapport imsemmi hawn fuq u spjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali kien jikkonsisti mit-tieni *tranche*` tal-**Allokazzjoni Annwali**, kif ukoll is-somma ta' €23,000 li ngħatat għall-**Ħtiġijiet Speċjali**. Fost l-għanijiet li għalihom ingħataw dawn il-fondi kien sabiex jogħlew il-livelli ta' indafa fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa, kif ukoll l-infurzar tal-liġijiet u *bye-laws* f'dak li jirrigwarda l-ikkampjar, *caravans* u *barbecues*.

10.3. It-total ta' dħul minn Servizzi Komunitarji kompla jiżdied b'mod konsiderevoli, mqabbel mat-tliet xhur preċedenti - minn €8,921 għal € 12,370. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas dovut fuq il-miżati għall-attendenza ta' AvventuraSajf 2009 (€3,686), il-ħruġ ta' permessi għall-i*skips* (€ 768); bejgħ ta` pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (€ 900); permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq u attivitajiet fil-pubbliku (€ 5,832); permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€ 718); u għotja mill-Gvern Ċentrali għall-Librerija tal-Lokalita`. Iż-żieda kienet dovuta minħabba ammont ikbar ta' permessi li jinħarġu mqabbel max-xhur tax-xitwa. Fl-istess żmien ikunu qed jinġabru l-kontribuzzjonijiet għas-*summer camp* għat-tfal (Avventurasajf) li seħħet fix-xhur talulju, Awwissu u Settembru.

10.4. Id-dħul ta' natura **Ġenerali** ġie mill-Ħruġ ta' Dokumenti, billi fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport kien hemm sejħa waħda għall-offerti.

10.5. Kien hemm **Kontribuzzjonijiet** marbuta ma' attivitajiet li organizza l-Kunsill, li kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Milied Mellieħi 2008 | 4,500 |
| Milied Mellieħi 2009 | 3,472 |
| Motor Sports Festival | 750 |
| Mellieħa Gardens By Night | 400 |
| Fondi miġbura waqt l-Iljieli Melleħin 2009 b'risq il-Fond Puttinu Cares | 1,645 |
| Ħlasijiet li jsiru għall-ħarġiet illi ġew organizzati mill-Kunsill | 1,436 |
| Total | 12,203 |

10.6. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa għaliex din il-figura ma taqbilx ma' dik li hemm fl-iskeda fejn il-kont tal-Kontribuzzjonijiet (0120) – Nota Nru. 4. Is-Segretarju wieġeb li ċ-ċifra ta' €12,433 tinkludi wkoll għotja ta' €230 li ngħatat biex jinxtara bank għal Ġnien il-Qigħan.

10.7. In-nefqa fuq **is-Salarji** tidher li hija inqas mill-estimi, peress li saret revizjoni tal-istess estimi bil-għan li jkun hemm fondi biżżejjed ħalli jagħmlu tajjeb għaż-żieda ta' żewġ impjegati fi skala 15 b'effett minn Settembru 2009 u Novembru 2009. Lejn l-aħħar tas-sena finanzjarja, in-nefqa attwali u l-estimi għandhom joqorbu lejn xulxin. Parti mill-ammont allokat ser jagħmel tajjeb għalih il-vot tas-Servizzi Klerikali (3060), liema servizz ġie fi tmiemu f'Ottubru 2009.

10.8. Bejn April u Ġunju 2009, in-nefqa attwali fuq il-**Manutenzjoni tat-Toroq** kienet inqas mill-vot allokat b' € 9,507, għalkemm sar ammont sostanzjali ta' xogħol kemm mill-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet kif ukoll minn Central Asphalt Ltd. Ix-xogħol li sar fit-toroq kien jikkonsisti f'*patching* ta' toroq (€ 9,187), bankini (€ 212), bini ta' ħitan (€599); xogħol ta'

tisbieħ (€ 767), u x-xiri ta' tappieri għall-arbli tal-festa f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa (€996). Matul l-istess perjodu saru xogħlijiet fuq *culverts* fi Triq l-Assedju l-Kbir, Triq iċ-Ċikken u Triq N. Copernicus, li talbiet għall-ħlasijiet relattivi kienu għadhom ma sarux. Dawn ix-xogħlijiet kollha huma stmati li jlaħħqu € 29,750 .

10.9. In-nefqa fuq is-servizz tal-**Ġbir tal-Iskart** tidher li hija inqas mill-estimi, peress li l-ħlasijiet dovuti fuq il-Ġbir tal-Iskart Reċiklabbli li jsir nhar ta' Ħamis qed isiru direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Oriġinarjament kien ippjanat li dawn il-ħlasijiet jsiru mill-Kunsill, filwaqt li tingħata rifuzzjoni tagħhom mid-Dipartiment.

10.10. In-nefqa globali marbuta mas-**Servizzi Kuntrattwali għat-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport** kienet inqas mill-estimi b'€ 4,851. Ta' minn jinnota li fl-istess perjodu kien hemm nefqa sostanzjali fuq ix-xiri ta' Poloz ta' Assikurazzjoni (3030) li ma tiġix ripetuta bejn Lulju 2009 u Marzu 2010. Kif jidher mill-iskedi t'hawn fuq irriżulta wkoll li n-nefqa globali fuq is-Servizzi Kuntrattwali kienet inqas mill-estimi b'€4,700 fuq firxa ta' sitt xhur. Dan wara li ġew esklużi s-servizzi kuntrattwali kollha mogħtija fix-xhur qabel bdiet is-sena finanzjarja, qabel April 2009, kif ukoll wara li ttieħdu in konsiderazzjoni spejjeż li kienu għadhom ma' daħlux fil-kotba sa l-aħħar ta' Settembru 2009 *(accruals).*

10.11. L-ispejjeż fuq **Servizzi Professjonali** kienu marbuta ma' *surveys* topografiċi li saru fi Triq ix-Xagħra Ta' Barra, Triq il-Kappillan Magri (daħla għax-Xelters tal-Gwerra), l-area tal-latrina pubblika f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa u l-area tal-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ.

10.12. F'dak li jirrigwarda l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità,** l-infieq kien sostanzjalment iktar mill-*budget*. Qabel u waqt it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport seħħew serje` ta' **Attivitajiet Kulturali** li l-ispiża fuqhom bejn Lulju u Settembru 2009, kienet imqassma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Mellieha Gardens By Night | 1,254 |
| Iljieli Melleħin 2009 | 8,635 |
| L-Ibliet Lejn il-Majjistral | 60 |
| Mellieha Motor Sports Festival | 1,441 |
| L-Isportivi Melleħin tas-Sena | 795 |
| Attivitajiet ma' Għaqdiet Lokali | 1,616 |
| Ftehim ma' l-Għaqdiet Mużikali | 5,250 |
| Oħrajn | 1,673 |
| Total | 20,724 |

Kif intqal fil-minuta 10.5 aktar 'il fuq, kien hemm *sponsorship* b'risq l-istess attivitajiet li laħħaq € 9,122. Dawn ġew minn diversi sorsi, inkluż dawk governattivi u minn entitajiet privati.

10.13. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-ammont ta' €20,724 ma' jaqbilx ma' dak indikat fl-iskeda tal-infieq taħt il-kont 3300 dwar l-Ospitalita` u Servizzi lill-Komunita` (Nota Nru. 10). Is-Segretarju spjega li l-kont 3300 jikkonsisti wkoll minn infieq ikklassifikat bħala *Entertainment* u Servizzi lill-Komunita`, li fil-perjodu kopert fir-rapport kien jammonta għal €1,821.

10.14. Ta' min jinnota li n-nefqa fuq il-**proġett *Environment Through Art*,** saret kollha fl-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja, għalkemm il-*budget* għaliha kien imqassam fuq sena sħiħa. Għalhekk lejn l-aħħar tas-sena finanzjarja, l-ispiża ser tkun qrib ħafna s-somma allokota. L-Unjoni Ewropea allokat is-somma ta' €6,000, li l-Kunsill diġa rċieva pagament parzjali ta' €4,500.

10.15. Fit-tieni nofs ta' Settembru 2009 seħħew l-attivitajiet marbuta mal-**ġemellaġġ** bejn il-Mellieħa u Agia Napa, kemm f'Malta kif ukoll f'Ċipru. Kif jidher mill-iskeda aktar 'il fuq, in-nefqa fuq dawn l-avvenimenti kienet tammonta għal €3,207. Is-Segretarju aċċenna li din kienet inqas mill-*budget* ta' €3,228 li ġie sottomess lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, skond ir-Regolamenti dwar il-Ġemellaġġi.

10.16. L-infieq li kien hemm fir-rigward tad-**Dwal fit-Toroq** kien jinvolvi t-tqegħid ta' *conduit* fil-bankini li saru mill-Awtorita` tat-Trasport fi Triq il-Bilbla, Triq l-Għaqda u Triq l-Hena.

10.17. L-infieq fuq ir-***Resurfacing* ta' Toroq** kien marbut max-xogħlijiet li saru fuq it-tieni fażi ta' Triq il-Kbira, tul il-parti li tinsab bejn Misraħ tas-Salib u Triq in-Naħal, liema xogħol tlesta

f'Mejju 2009. F'Settembru sar ukoll ir-*resurfacing* tal-Moll tat-Tunnara, li l-ispiża finali fuqu saret magħrufa wara li għaddew it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport.

10.18. Fir-rigward tal-proġett dwar il-**Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ**, saret applikazzjoni lill-MEPA dwar it-tibdil fil-pjanijiet oriġinali, liema tibdil jinkludi wkoll faċilitajiet sportivi, minbarra l-afforestazzjoni li kienet maħsuba minn Kunsilli preċedenti. L-ispiża li tidher fl-iskeda aktar 'il fuq kienet tinvolvi t-tħejjija tal-pjanti u d-dokumentazzjoni relattiva.

10.19. Il-Kunsill approva r-rapport u ddeċieda li dan għandu jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 11.1 Sistema ta' Ventilazzjoni għas-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja (S/3/7/Vol III)

11.2 Inġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm problema biex titħaddem is-sistema ta' ventilazzjoni li kien iffinanzja l-Kunsill fis-sala tal-komunita`. Din qed tiġġenera livell għoli ta' ħsejjes.

11.3 Il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab parir mingħand Galea Curmi Engineering Consultants dwar kif tista' tingħeleb din il-problema.

## 12.1. *Premio per l'Ambiente Gianfanco Merli 2009* (P/10/4)

12.2. Is-Sur R. Cutajar rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett t'hawn fuq fis-seduta Nru. 30 u għarraf li huwa flimkien mal-Viċi-Sindku E. Bartolo kienu Ruma fl-Italja fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2009, fejn saret il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet li ġew sottomessi sabiex jiġu ffinanzjati erba' proġetti bit-tema: (a) *International OASIS of Author*; (b) *International Technological OASIS for the Knowledge of Buildings by the Value Analysis*; (c) *International OASIS Contemporary Sculptors*; u (d) *International OASIS Pre-Existing Cultural and Environmental*. Is-Sindku spjega li l-Kunsill tal-Mellieħa huwa *partner* u kemm-il darba tiġi approvata l-applikazzjoni mill-Unjoni Ewropea, il-Mellieħa tkun tista' tibbenefika sa massimu ta' €35,000 fuq kull proġett. Minbarra r-restawr tat-Torri l-Abjad tkun tista' tiġi ffinanzjata l-pubblikazzjoni tal-ktieb ta' Charles Debono dwar il-fortifikazzjonijiet fil-Mellieħa, li saru fl-epoka kolonjali tal-Ingliżi f'Malta.

12.3. Fl-istess okkażjoni, is-Sindku ingħata rikonoxximent għall-ħidma tiegħu b'risq il-lokalita` tal-Mellieħa vis-à-vis il-proġetti Ewropej.

12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Żjara mill-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana (M/6/Vol V)

13.2. Is-Sindku qal li huwa mgħarraf illi waqt iż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta f'April 2010, ser ikun preżenti wkoll il-Patrijarka ta' Antijokja u Lvant Nofsani, Moran Mor Ignatius Zakka I. Iwas. Dan ser jagħmel żjara fil-Mellieħa, minħabba r-rabta ta' San Pawl mas-Sirja u Malta. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-Patrijarka għandu jittieħed fuq il-Gżejjer ta' San Pawl għall-istess raġuni.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Kalendarju ta' attivitajiet 2010 (A/5/5/Vol IV)

14.2. Is-Sindku ressaq abbozz ta' programm ta' attivitajiet għall-matul is-sena 2010, kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **Jannar** | • Tnedija ta' *brochure* promozzjonali dwar il-Mellieħa f`Ċipru<br>• Laqgħa Ġenerali Annwali<br>• Fuljett Mill-Qiegħa + Tfal. |
| **Frar** | • Attivita' Edukattiva b`laqta Sportiva (mistieden Internazzjonali)<br>• Kunċert Mużikali b'Filantropiku<br>• Jum il-Kunsill 2010 ( 26 - 28 ta` Frar )/Finali Snooker / American Pool * Tqegħid l-ewwel ġebla Park tal-Familja / "Ħannieqa Kotba Melleħin. |
| **Marzu** | • Tour ta` Malta Ċikliżmu. |
| **April** | • Animal Fest<br>• Fuljett Mill-Qiegħa + Tfal. |
| **Mejju** | • Konferenza Internazzjonali |

| | |
|---|---|
| | • Attivita' Jum l-Omm + Quddiesa Ċimiterju għall-Ommijiet<br>• 10 Kilometre Run |
| **Ġunju** | • Jum l-Ambjent<br>• Mellieħa Motor Sports Festival<br>• Quddiesa Ċimiterju fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier<br>• Mellieħa Gardens By Night. |
| **Lulju** | • Avventura Sajf 2010<br>• Sea Side Slam<br>• Sportivi Melleħin tas-Sena<br>• Mellieħa Gardens By Night<br>• Fuljett Mill-Qiegħa + Tfal. |
| **Awwissu** | • Attivita' Emigranti<br>• Manikata Fun Run Games<br>• Mellieħa Gardens By Night. |
| **Settembru** | • Proġett ta` Tisbieħ wara l-Knisja<br>• Iljieli Melleħin. |
| **Ottubru** | • Attivita' f`Ċipru<br>• Snooker / Pool<br>• Fuljett Mill-Qiegħa + Tfal. |
| **Novembru** | • Quddiesa għall-Erwieħ<br>• Festa tal- Qargħa fil-Manikata<br>• Fiera tal-Ktieb |
| **Diċembru** | • Milied Mellieħi (tinkludi kompetizzjoni Fotografija / Letteratura u attivitajjiet oħra) |

14.3. Dwar il-programm ta' Mejju, is-Sindku għarraf li hemm prospetti tajbin illi tinġieb konferenza dwar it-tagħlim tal-Ingliż li tkun tinvolvi madwar 150 u 200 delegat mill-Ewropa u l-Asja. Is-Sur R. Cutajar qal li s-Segretarjat għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni ħoloq skema ta' finanzjament għal inizjattivi ta' dan it-tip.

14.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-programm ta' Ottubru, fejn hemm inkluż attivita' f'Ċipru. Huwa kkummenta li minkejja illi jeżistu ġemellaġġi ma' Adenau u Cavriglia, jidher li m'hemm xejn ippjanat f'dik li jirrigwarda dawn il-lokalitajiet. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li f'Ġunju jkun hemm il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, filwaqt li f'Ottubru normalment ikun hemm il-*Clean Up The World*.

14.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li għandhom jsiru laqgħat kull sitt xhur bejn diriġenti tal-erba' lokalitajiet ġemellati bil-għan li jitfassal programm ta' attivitajiet.

14.6. Il-Kunsill approva l-programm biż-żidiet proposti.

## 15.1. Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol IV)

15.2. Is-Sindku kkummenta li minkejja illi l-uffiċċju amministrattiv attwali kien sostanzjalment ikbar minn dak oriġinali fi Triq l-Isqof Pace, dan wkoll qed jirriżulta li mhux kbir biżżejjed biex isiru korsijiet, laqgħat u attivitajiet oħra. Is-Sur R. Cutajar għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jara kif jilqgħa għal dawn l-esiġenzi u jsib soluzzjonijiet għalihom. Qal ukoll li l-bini ta' dak li kien is-sede tal-Mellieha Sports Club, illi jiġi appoġġ ma' l-uffiċċju tal-Kunsill qiegħed għall-bejgħ. Huwa qal li dan jista' jkun is-soluzzjoni tal-problema.

15.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li teżisti lista twila ta' nies biex jattendu għall-korsijiet. Ippropona wkoll li l-Kunsill għandu jitlob lill-Contract Manager sabiex jagħmel rapport dwar il-bini tal-Mellieħa Sports Club.

15.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li l-uffiċċju attwali, fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, jinsab qrib l-iskola primarja li għandha faċilitajiet biżżejjed, u għalhekk il-Kunsill jista' jibqa' japprofitta ruħu minnhom.

15.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li jista' jinbena sular ieħor fuq l-uffiċċju eżistenti u hekk ikun hemm sala fis-sular ta' fuq nett. F'dik li huwa spażju għall-ħażna, jista' jinkera garaxx.

15.6. Dwar il-proposta fil-minuta 15.5., is-Segretarju ikkummenta li jista' jkun hemm problemi biex issir sala sħiħa fis-sular ta' fuq nett, peress li hemm it-tromba tat-taraġ.

15.7. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jkompli jiġi diskuss fis-seduta li ġejja.

**16.1. Nuqqasijiet fit-tabelli tat-traffiku (T/3/2/Vol IX)**

16.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li fl-inħawi bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq it-Tramuntana u Triq Ġnien Ingraw hemm xi tabelli tat-traffiku nieqsa. Huwa talab li ssir spezzjoni sabiex jiġi stabbilit liema tabelli huma nieqsa jew jridu jinbidlu.

16.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta mressqa.

**17.1. *One-way* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u Triq Ħalq iċ-Ċawl (T/3/2/Vol IX)**

17.2. Il-Kunsill C. Bartolo qal li spiss qed ikun hemm kolliżjonijiet fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi kantuniera ma' Triq il-Fortizza minħabba t-traffiku li jkun dieħel minn Triq il-Kbira. Huwa għalhekk ippropona li Triq l-Iżbark tal-Franċiżi tiġi tidħol biss, filwaqt li Triq Ħalq iċ-Ċawl issir *one-way* għat-telgħa. Traffiku li jkun dieħel minn Triq Lewis Wettinger għandu jingħata d-direzzjoni lejn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi 'il ġewwa.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tiġi studjata aktar qabel tittieħed deċiżjoni finali dwarha.

**18.1. Arblu perikoluż fi Triq il-Kappillan Magri k/m Triq il-Qalb Imqaddsa (E/1/1/Vol V)**

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li xi żmien ilu twaħħal arblu fil-post imsemmi. Huwa lmenta li dan huwa perikoluż u faċli jintlaqgħat mill-vetturi, peress li twaħħal eżatt fix-xifer tal-bankina.

18.3. Is-Segretarju qal li rappreżentazzjonijiet dwar l-isemmi arblu diġa kienu saru, iżda l-Korporazzjoni Enemalta baqgħet ma ħaditx passi.

**19.1. Ħruq ta' siġra fil-Ballut tal-Imġiebaħ (A/3/Vol III)**

19.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li persuna jew persuni mhux magħrufa ħarqu siġra antika billi tawha n-nar. Huwa ppropona li għandha tinħareġ stqarrija għall-istampa sabiex tikkundanna dan l-att vandalu.

19.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ stqarrija għall-istampa u jsir rapport lill-Pulizija u lid-Dipartiment tal-Agrikoltura bil-għan li tiġi salvata.

**20.1. Titjib fis-sistema tat-traffiku ġewwa Santa Marija Estate (T/3/2/Vol IX)**

20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li saret laqgħa ma' delegazzjoni mill-Għaqda Residenti Santa Marija Estate fejn ġew diskussi soluzzjonijiet biex jiġi eliminat periklu kkawżat mit-traffiku ġewwa l-istess *estate*. Huwa qal li s-suġġerimenti mqajjma għadhom jiġu diskussi mat-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku.

20.3. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment tal-Viċi Sindku.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2010, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |